MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Appell Civili - Ghawdex Numru. 18/2007/1

**Mons Joe Vella Gauci**

**vs**

**Andrew Formosa bhala editur u A & M Printing bhala stampatur u b'digriet moghti fil-24 ta' Gunju 2008 il-Qorti ordnat li jigi msejjah fil-kawza Mons. Guseppi Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Settembru, 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

**Permezz ta' dawn il-proceduri l-attur ghamel azzjoni civili ghal hlas ta' danni ghal malafama skond l-Att dwar l-Istampa (Kap. 249).**

Rat l-avviz fejn l-attur talab prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-kontenut ta' l-artikolu ippubblikat fil-faccata tar-rivista "Il-Belt Victoria" mahruga mill-parocca ta' San Gorg (Ghawdex) fis-suppliment Lulju – Awissu 2007 harga numru 157 intitolat "Il-verita' dwar il-kundanna ta' l-Awtorita tax-Xandir kontra Radju Katidral" – li taghha hu responsabbli – hija malafamanti u libelluza u ghandha l-iskop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-atturi thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata min dil il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijet ta' Malta).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuti fis-17 ta' Ottubru 2007 (fol. 6) li permezz taghha eccepew li:

1. L-attur Rev. Joe Vella Gauci personalment ma ghandux l-interess guridiku necessarju sabiex jintavola din il-kawza peress li ma ghadux jokupa l-kariga ta' Arcipriet u lanqas kwalsiasi kariga tar-radio bhal Radju Katidral.

2. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut Andrew Formosa ma huwiex l-editur ta' l-imsemmi suppliment allegatament malafamanti u libelluza u kwindi ghandu jigi liberat mill-gudizzju;

3. Sekondarjament u bla pregudizzju ghall-process l-attur ghandu jindika dik il-parti jew partijiet li l-attur qieghed jallega li hija malafamanti u libelluza.

4. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess kontenut ta' l-artikolu ippublikat ma huwiex malafamanti u libelluz u dana stante li l-istess artikolu qed jaghti *a fair comment* tal-avvenimenti kif fil-fatt graw u dana hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dina l-istess kawza;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-imsejjah fil-kawza fil-15 ta' Lulju 2008 li permezz taghha eccepixxa li:

1. Ghandha tingieb prova li hu responsabbli skond il-ligi.

2. Fi kwalunkwe kaz dan il-kaz diga' gie deciz minn Tribunal iehor u cioe' mill-Kunsill ta' l-Etika tal-Media mwaqqaf mill-Kurja Veskovili u ppresjeduta mill-Imhallef Caruana Colombo, Dr. Robert Tufigno kif ukoll Mons. Fortunato Mizzi.

Rat l-atti tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat :

1. Il-fatti ta' din il-kawza huma s-segwenti :-
(a) L-attur kien Arcipriet tal-Katidral, Ghawdex. Id-dmirijiet tieghu kienu jinkludu t-tmexxija ta' Radju Katidral.
(b) L-imsejjah fil-kawza kien Arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg.
(c) Fir-Rabat, Ghawdex jigu celebrati zewg festi, San Gorg (parrocca ta' San Gorg) u Santa Marija (Katidral).
(d) Il-parrocca ta' San Gorg tippubblika rivista bl-isem ta' Il-Belt, Victoria. L-editur registrat mar-Registratur tal-Istampa hu Fr. Felix Tabone (b'sehh mill-25 ta' Gunju 1981) [fol. 40].
(e) Fis-16 ta' Awwissu 2006 ixxandar programm fuq Radju Katidral li fih tkellem l-avukat Dr. Michael Caruana, President tas-Socjeta' Filarmonika Leone li hu l-klabb tal-banda affiljata mal-festa ta' Santa Marija. Prezenti waqt il-programm kien hemm l-attur li dak iz-zmien kien ghadu Arcipriet tal-Katidral.

(f) Fis-17 ta' Awwissu 2006 l-imsejjah fil-kawza ilmenta, permezz ta' ittra (fol. 65), ma' l-Isqof ta' Ghawdex dwar l-imsemmi programm ; *'Jiddispjacini li l-arcipriet tal-Katidral ma stemghax iwaqqaf jew jiccensura lil Dr. Caruana ghall-attakk ripetut tieghu kontra l-persuna ta' sacerdot u sieheb mieghu fil-Kullegg tal-Kappillani. Madankollu jista' jkun li Mons. Vella, li lejh ma jonqosni qatt ir-rispett li jixraqlu, dan ghamlu privatament. Jekk dan hu l-kaz, nirringrazjah.'* (fol. 65).

(g) Fil-25 ta' Awwissu 2006 l-imsejjah fil-kawza kiteb ittra lill-Awtorita' tax-Xandir fejn ilmenta dwar il-programm imxandar fuq Radju Katidral ghaliex intqal *"….kliem gravament ingurjuz fil-konfront tieghi, personalment u bhala sacerdot, kif ukoll fil-konfront tal-Parrocca ta' San Gorg. "* (fol. 66).

(h) Fit-18 ta' Jannar 2007 l-Awtorita' tax-Xandir baghatet ittra lill-attur dwar l-ilment tal-imsejjah fil-kawza u ddikjarat li *'Il-kliem li xxandar waqt ' il fuq imsemmi programm radjufoniku kien fis-sens li persuna – kienet min kienet - kienet giddieba, tghid affarijiet inveritjieri, dizonesti, ingusti u thammeg lil haddiehor b'dak li tikteb.'* (fol. 54). Kompliet tghid : *'Sfortunatament, il-kliem li ntuza minn Dr. Michael Caruana fil-konfront ta' persuna ohra fl-istess komunita' ftit li xejn ghen biex igib il-frattellanza bejn il-membri ta' l-istess komunita'. Ghall-kuntrarju, l-Awtorita' hi tal-fehma li tali kliem ma kienx xieraq, mhux addattat jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir u kien qieghed jaghmel dak li l-licenzja ma tridx li jsir u cjoe' ixerred il-mibgheda b'mod settarju fost il-komunita' li ghaliha huwa dirett.'*. L-Awtorita' tax-Xandir ordnat lill-attur sabiex tixxandar dikjarazzjoni minn Radju Katidral li fiha *'….jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgheda fost is-semmiegha……'* (fol. 55).

(i) Radju Katidral xandar dikjarazzjoni li kienet tghid hekk : *'Din hija stqarrija ordnata mill-Awtorita' tax-Xandir ta' nhar it-18 ta' Jannar 2007. Dan l-istazzjoni jiddispjacih ghal dak li ntqal fil-konfront*

*ta' l-Arcipriet Mons Guzeppi Farrugia minn Dr. Michael Caruana fil-programm li xxandar nhar is-16 ta' Awissu 2006 minn fuq dan l-istazzjoni.'* (fol. 51).

(j) F'dak li jidher li hu bulletin fejn tigi pubblikata l-kelma tal-Arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg, fil-bidu ta' Frar 2007 l-imsejjah fil-kawza ghamel dikjarazzjoni li taqra hekk : *'**Apologija li naccetta bil-qalb**. Bid-decizjoni li l-Malta Broadcasting Authority hadet b'mod inekwivoku u fi zmien relattivament qasir dwar l-ilment li sarilha f'Awwissu, hija ghamlet dak li sa issa ghadha qatt ma rnexxielha taghmel id-djocesi taghna, jigifieri, li titlob kont minn Radju Katidral u li twissieh biex ma jxandarx sentimenti ta' mibgheda gor-Rabat. Fuq direttiva ta' l-Awtorita' tax-Xandir, nhar it-Tlieta li ghada, Radju Katidral ghamel apologija li jiena naccetta, bit-tama li din il-pagna sewda fl-istorja tax-xandir religjuz fostna tinqaleb ghal wahda li turi aktar civilta', tolleranza, rispett lejn il-bniedem u kollaborazzjoni pastorali. **Issa li ghadda, ghadda**.'* (fol. 48).

(k) B'ittra datata 14 ta' Frar 2007 (fol. 45) l-Awtorita' tax-Xandir nfurmat lill-attur li d-dikjarazzjoni li nqrat ma kenitx konformi mad-direttiva li nghatat fl-ittra tat-18 ta' Jannar 2007. Din id-darba l-Awtorita' baghatet it-kliem tad-dikjarazzjoni li kella tinqara: *'Radju Katidral jiddisassocja ruhu totalment mill-kliem mhux xieraq li ntqal minn Dr. Michael Caruana fil-konfront ta' l-Arcipriet Monsinjur Guzeppi Farrugia waqt il-programm li xxanndar fis-16 t'Awissu 2006 fuq Radju Katidral. Dan l-istazzjon jiddispjacih ghal dak li ntqal fil-konfront ta' l-Arcipriet Monsinjur Guzeppi Farrugia minn Dr. Michael Caruana, u li konformament mal-ligi u mal-kundizzjonijiet tal-licenzja ta' xandir, Radju Katidral qed jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgheda fost is-semmiegha……'* (fol. 46).

(l) Permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 2007 (fol. 41) l-Awtorita' tax-Xandir nfurmat lill-attur li wara li

kienet semghet, *'…..is-sottomissjonjiet ta' l-Avukat Dr Michael Caruana li d-dikjarazzjonijiet fil-konfront tieghu kienet libelluza u wara li hadet parir legali, ddecidiet illi ma tkomplix tinsisti ghal qari tad-dikjarazzjoni ulterjuri minn Radju Katidral.'*.

(m) Il-parrocca ta' San Gorg harget suppliment ghar-rivista Il-Belt Victoria, bl-awtorita' tal-imsejjah fil-kawza ghall-perjodu Lulju-Awwissu 2007 (fol. 2) fejn regghet ghamlet riferenza ghal kwistjoni. Fl-ewwel faccata ta' din il-harga nkiteb artiklu intestat *'Il-Verita' dwar il-Kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir Kontra Radju Katidral'*. L-attur isostni li f'dan l-artiklu jhossu li gie malafamat in kwantu nghad li[1]:-

- *'L-Awtorita' tax-Xandir gaghlet lil Radju Katidral ixandar apologija lil Mons. Guzeppi Farrugia, Arcipriet tal-Bazilika ta' San Gorg.* ***Minkejja li l-istess Awtorita' tax-Xandir ghal darbtejn ordnat lil Mons. Dr. Joe Vella Gauci, Arcipriet tal-Katidral, biex ma jhallix li tixxerred il-mibeghda fir-Rabat.****'* (fol. 2);

- *'Ghalhekk mhux veritjier dak li gie ppubblikat mis-Socjeta' Il Leone ghax il-fatti huma li* ***l-Awtorita' tax-Xandir b'mod l-iktar car ikkundannat lil Radju Katidral ghall-kliem ta' mibeghda li Dr. Michael Caruana qal fil-prezenza ta' l-Arcipriet Vella Gauci,*** *u din il-kundanna ma gietx irtirata.'* (fol. 2).

2. Il-Qorti tistqarr li din il-kwistjoni tqanqlet bla bzonn. Kif rajna l-imsejjah fil-kawza, li dak iz-zmien kien Arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg, kien fi kliemu stess accetta l-apologija li saret minn Radju Katidral. X'kienet ir-raguni li kellu jinhareg suppliment tar-rivista li tohrog il-parrocca ta' San Gorg biex tinghata l-verzjoni ta' dak li gara minn meta sar l-ilment mill-imsejjah fil-kawza

[1] Ara verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2008 (fol. 15).

sakemm l-ilment gie definit mill-Awtorita' tax-Xandir, gialadarba l-Arcipriet ta' San Gorg kiteb li ***'Issa li ghadda ghadda'*** ? Jidher li l-pubblikazzjoni tas-suppliment kienet il-pubblikazzjoni *Festa Santa Marija 2007* li fiha l-avukat Dr. Michael Caruana (li kien ippartecipa fil-programm ta' Radju Katidral) kiteb li l-Awtorita' tax-Xandir wara li *'….semghet u xtarret il-fatti kif verament sehhew, l-istess Awtorita' tax-Xandir, wara li hadet pariri legali, irtirat id-direttiva li kienet harget, ghaliex din kienet informata illi l-istess direttiva kienet bla bazi legali u libelluza.'* (fol. 21). Fil-fehma tal-Qorti b'dan is-suppliment kien qieghed jintefa' iktar melh fuq il-ferita, iktar u iktar meta mill-provi rrizulta li l-Isqof ta' Ghawdex kien irrefera l-kaz quddiem Kummissjoni ta' l-Etika tal-Media tal-Arcidjocesi ta' Malta wara l-ilment tal-imsejjah fil-kawza u sahansitra kienet giet imxandra d-dikjarazzjoni minn Radju Katidral. Is-saggezza u l-ghaqal kienet titlob li fil-prattika jitwettaq dak li stqarr l-Arcipriet ta' San Gorg, ***'Issa li ghadda ghadda'***, u mhux jigu stampati u mqassmin iktar karti. Kwistjonijiet bhal dawn jistghu iservu biss sabiex issir hsara lill-Knisja bhala istituzzjoni religjuza, meta kullhadd jaf l-isfidi kbar li qeghda tiffacca u li jmorru ferm lil hinn minn festa ta' parrocca li tigi celebrata darba fis-sena. Ir-religjuzi kollha ghandhom obbligu li jaghmlu hilithom biex itaffu l-piki u firda li sfortunatament igibu maghhom il-festi f'numru ta' rhula, u mhux jaghtu n-nar lit-tiben bi kwistjonijiet bla bzonn. Il-festi tradizzjonali huma parti ntegrali mill-kultura Maltija u ghandhom ikunu celebrazzjoni li jgibu l-ghaqda u ferh. Il-fanatizmu jista' biss jaghmel hsara u jkompli jgib iktar firda. Inoltre, il-membri tal-kleru m'ghandhom juru l-ebda tolleranza jew sens ta' kompassjoni ma' kull min fil-parrocca bl-agir tieghu qieghed jaghti lok ghal ambjent ostili u ta' tensjoni bl-iskuza li qieghed jiddefendi l-unur tal-parrocca.

3. Ghal dak li huma eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-imsejjah fil-kawza li:-

(a) **<u>L-attur m'ghandux interess guridiku biex jaghmel din il-kawza ghaliex ma ghadux jokkupa kariga ta' Arcipriet u lanqas f'Radju Katidral</u>**: ghalkemm l-attur m'ghadux jokkupa l-kariga ta' Arcipriet, pero' minn qari tal-artiklu hu evidenti li r-riferenza kienet ghall-attur bhala l-persuna li dak iz-zmien kien l-Arcipriet tal-Katidral. Tant hu hekk li fl-artiklu in kwistjoni l-attur issemma b'ismu (fol. 2). Il-Qorti m'ghandix dubju li dak li nkiteb ma kienx indirizzat lejn il-kariga per se ta' l-Arcipriet, imma lejn l-attur li f'dak iz-zmien kien qieghed jokkupa l-kariga ta' Arcipriet. Ghalhekk l-attur ghandu kull interess li jaghmel dawn il-proceduri minkejja li m'ghadux Arcipriet.

(b) **<u>Il-konvenut Andrew Formosa m'huwiex editur</u>**: effettivament irrizulta li dan il-konvenut m'huwiex l-editur registrat mar-Registratur tal-Istampa bhala l-editur tar-rivista, ghalkemm mill-provi rrizulta li kien hemm diversi edizzjonijiet tar-rivista fejn gie dikajrat li hu l-editur. Dan il-konvenut xehed li ma kienx *'…. a konoxxenza tal-fatt li kien ser jigi ppubblikat is-Suppliment Lulju-Awwissu 2007 tar-rivista Il-Belt Victoria mahruga mill-Parrocca ta' San Gorg (Nru. 157).'* (fol. 17). Verzjoni li giet korraborata mill-imsejjah fil-kawza : *'Andrew Formosa ta' Sunflower, Triq Cetta Mintoff, Victoria, Gozo, intimat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza istitwita minn Mons. Joe Vella Gauci, ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod ma' l-imsemmi Suppliment la bhala editur, jew kittieb, jew konsulent jew fi kwalsiasi funzjoni ohra. Anzi, jiena konvint li hu lanqas biss kien a konoxxenza tal-fatt li kien ser jigi ppubblikat tali Suppliment.'*. Ghalhekk dan il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghal dik li hi A & M Printing bhala stampatur, ma tressqitx prova li din id-ditta stampat il-bulletin ta'

Lulju-Awissu 2007 li fih gie ppubblikat l-artiklu in kwistjoni, u f'kull kaz skond l-Artikolu 23 tal-Kap. 249 *'ir-responsabbli ghal pubblikazzjoni'* (*publisher*) hu responsabbli biss *in subsidium* jekk ma jkunx maghruf l-awtur jew l-editur. Sitwazzjoni li m'hijiex applikabbli ghal kaz taghna.

(c) **<u>Ghandha tingieb prova li l-imsejjah fil-kawza hu responsabbli skond il-ligi</u>**: L-imsemmjah fil-kawza xehed li *'Is-Suppliment Lulju-Awwissu 2007 tar-rivista Il-Belt Victoria mahruga mill-Parrocca ta' San Gorg (nru 157) hareg bl-awtorita' tieghi, inkluza l-introduzzjoni fl-ewwel pagna intitolata 'Il-Verita' dwar il-Kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral.'* (fol. 18). L-Artikolu 23 tal-Kap. 249 jipprovdi :

**23.** L-azzjoni kriminali għal xi reat taħt it-Taqsima II u l-azzjoni ċivili taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att tista' tittieħed kontra kull waħda minn dawn il-persuni li ġejjin:

(*a*) l-awtur tal-kitba, jekk huwa jkun kitibha sabiex tiġi ppubblikata, jew jekk ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;

(*b*) l-editur;

jew, jekk dawk il-persuni ma jkunux jistgħu jiġu identifikati,

(*ċ*) ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Skond l-istess ligi, editur hu *'.....**il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni ta' kull stampat** u dwar gazzetta jew servizz **tinkludi** kull persuna li thares id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35 ta' dan l-Att'*. Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz taghna, l-imsejjah fil-kawza assuma fuqu nnifsu r-responsabbilta' ghal-pubblikazzjoni tal-istampat meta ddikajra li s-suppliment hareg bl-awtorita' tieghu. Kif diga' osservat il-Qorti fid-digriet moghti fl-24 ta' Gunju 2008 (fol. 88), wiehed ghandu jifhem dan il-fatt mehud in konsiderazzjoni li f'dak iz-zmien l-imsejjah fil-kawza kien:-

(i) Arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg ;

(ii) Ir-rivista tinhareg mill-istess parrocca ;
(iii) Ressaq ilment mal-Awtorita' tax-Xandir dwar dak li kien intqal fil-konfront tieghu waqt programm tar-radju mxandar fis-16 ta' Awwissu 2006 minn Radju Katidral, Victoria, Ghawdex u li ghalih kien prezenti l-attur.

Ghalkemm l-imsejjah fil-kawza ma kienx ufficjalment registrat mar-Registratur tal-Istampa bhala editur, dan ma jfissirx li ma kienx jaqa' fil-kategorija ta' editur. Fil-fatt id-definizzjoni taghmel uzu mill-kelma 'jinkludi'. B'dan il-Qorti qeghda tifhem li editur m'hijiex biss il-persuna li tkun hekk registrata mir-Registratur tal-Istampa, u fic-cirkostanzi attwali l-imsejjah fil-kawza kien responsabbli ghall-istampat.

(d) **<u>Decizjoni tal-Kunsill ta' l-Etika tal-Media mwaqqaf mill-Kurja</u>**: il-Qorti m'hijiex marbuta bi kwalsiasi decizjoni jew rakomandazzjoni li seta' ghamel. Inoltre, il-Qorti qeghda tifhem li dan il-kunsill investiga l-ilment li ghamel l-imsejjah fil-kawza, cjoe' dak li kien inghad waqt il-programm radjofoniku mxandar minn Radju Katidral.

(e) **<u>L-artiklu *'Il-Verita' dwar il-Kundanna ta' l-Awtorita' tax-Xandir kontra Radju Katidral'* m'huwiex malafamanti</u>**: Jibda biex jinghad li mas-suppliment giet annessa kopja tal-korrispondenza rilevanti mibghuta mill-imsejjah fil-kawza u l-Awtorita' tax-Xandir. Din il-Qorti ma kellix l-opportunita' li tisma' dak li ntqal mill-avukat Caruana waqt il-programm li xxandar fis-16 ta' Awwissu 2006, u ghalhekk ma tistax tifforma gudizzju dwar il-kliem li ntqal fil-prezenza tal-attur. Pero' minn qari tal-ittri mibghuta mill-Awtorita' tax-Xandir datati 18 ta' Jannar 2007 (fol. 26) u 14 ta' Frar 2007 lill-attur, hu evidenti li l-Awtorita' kienet waslet ghal konkluzjoni li b'dak li nghad mill-avukat Caruana waqt il-programm kienet qeghda tinxtered il-mibgheda fil-komunita' tar-Rabat. Tant hu hekk li fl-ittra datata 18 ta' Jannar 2007 inghad:

*'….l-Awtorita' hi tal-fehma li tali kliem ma kienx xieraq, mhux addattat jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir u kien qieghed jaghmel dak li l-licenzja ma tridx li jsir u cjoe'* ***ixerred il-mibgheda b'mod settarju fost il-komunita' li ghaliha huwa dirett****.'*. Inghad ukoll: *'In vista ta' dan kollu, l-Awtorita' hija tal-fehma illi t-trattament li nghata l-Arcipriet Mons Guzeppi Farrugia la kien gust u lanqas ekwu u li Radju Katidral kellu jintervjeni preventivament biex la tinkiser il-ligi, la tigi vjolata kundizzjoni tal-licenzja* ***u lanqas tinxtered il-mibgheda fost is-semmiegha ta' Radju Katidral.****'*. L-Awtorita' ordnat li fit-30 ta' Jannar 2007 tixxandar dikjarazzjoni fuq Radju Katidral li biha l-istess stazzjon fost'affarijiet ohra jghid li: ***'….. kien qed jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgheda fost is-semmiegha.'***. Il-messagg tal-Awtorita' tax-Xandir hu car, fis-sens li l-attur bhala l-persuna responsabbli minn Radju Katidral (li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Arcipriet tal-Katidral) kellu jizgura li l-programmi li jixxandru fuq dan l-istazzjon ma jkollhomx kontenut li bihom tinxtered il-mibgheda, u li skond l-istess Awtorita' kienet kondizzjoni tal-licenzja. F'din l-ittra nghata wkoll t-test tad-dikjarazzjoni li l-Awtorita' ordnat li kellha tinqara. Bl-ittra datata 14 ta' Frar 2007 (fol. 28) l-Awtorita' nfurmat lill-attur li d-dikjarazzjoni li xxandret fit-18 ta' Jannar 2007[2] ma kenitx konformi mal-ordni moghtija mill-Awtorita', u rega' nghata t-test tad-dikjarazzjoni li kellha tinqara fis-26 ta' Frar 2007 f'12.00 p.m. Kliem identiku ghal dak moghti fl-ittra tal-18 ta' Jannar 2007. Hu evidenti wkoll li bl-ittra tal-14 ta' Frar 2007 l-Awtorita' kienet qeghda tikkonferma l-fehma espressa fl-ittra tat-18 ta' Jannar 2007. L-ordni kienet indirizzata lill-attur bhala Arcipriet tal-parrocca tal-Katidral u l-persuna responsabbli ghal

---

[2] *"Din hija stqarrija ordnata mill-Awtorita' tax-Xandir ta' nhar it-18 ta' Jannar 2007. Dan l-istazzjon jiddispjacih ghal dak li ntqal fil-konfront ta' l-Arcipriet Mons. Guzeppi Farrugia minn Dr Michael Caruana fil-programm li xxandar nhar is-16 t'Awissu 2006 minn fuq dan l-istazzjon.".*

Radju Katidral. M'hemmx dubju li l-Awtorita' tax-Xandir esprimiet il-fehma li l-programm li xxandar minn Radju Katidral fis-16 ta' Awwissu 2006 kien qieghed *'…..ixerred il-mibgheda b'mod settarju fost il-komunita' li ghaliha huwa dirett.'*, tant li fl-ittra tat-18 ta' Jannar 2007 kompla jinghad li l-avukat Caruana messu gie mwaqqaf milli jkompli jew li kellha tintuza s-sistema ta' *delay mechanism* biex il-kliem ma jixxandrux. Skond l-istess Awtorita' b'dak li ntqal waqt il-programm kien hemm ksur ta' wahda mill-kondizzjonijiet tal-licenzja moghtija lil Radju Katidral, cjoe li *'…radju m'ghandux jintuza biex ixerred il-mibgheda fil-komunita.'*. L-Awtorita' ma reditx li incident simili jirrepeti ruhu, u kien f'dan il-kuntest li ghal darbtejn ordnat li tinqara d-dikjarazzjoni mibghuta lill-attur. Lanqas m'hemm dubju li l-persuna li kellha tiehu dawn il-mizuri ma kien hadd ghajr l-attur, bhala l-persuna responsabbli minn Radju Katidral u li kien prezenti waqt ix-xandir tal-programm in kwistjoni. Ghalhekk ma kien hemm xejn hazin li l-attur gie identifikat b'ismu fl-artiklu in kwistjoni, u b'daqshekk il-Qorti ma tqiesx li hemm falsita' fil-verzjoni tal-fatti kif riprodotta fl-artiklu in kwistjoni. Tikkonkludi wkoll li l-fatti li fuqhom gie bazat l-artiklu huma sostanzjalment korretti. L-attur isostni li l-Awtorita' qatt ma tatu ordni sabiex ma jhallix li tixxerred il-mibgheda. Pero' fil-fehema tal-Qorti l-Awtorita' kienet qeghda twissi lill-attur bhala *licensee holder* ta' Radju Katidral, li m'ghandhomx jixxandru programmi li bihom tinxtered il-mibgheda. Hu minnu li b'ittra datata 13 ta' Marzu 2007 mibghuta lill-attur mill-Awtorita' tax-Xandir, gie dikjarat li ma kenitx qeghda *'….tinsisti ghal qari tad-dikjarazzjoni ulterjuri minn Radju Katidral.'* (fol. 29). Dan wara li l-Awtorita' qalet li saru sottomissjonijiet mill-avukat Dr. Michael Caruana li d-dikjarazzjonijiet fil-konfront tieghu kienu libelluzi u li kienet hadet parir legali. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-Awtorita' kienet qeghda tirtira l-fehma espressa fl-ittra tat-18 ta' Jannar 2007 u wisq inqas it-twissija li nghatat. Inoltre, kopja tal-ittra

datata 13 ta’ Marzu 2007 giet pubblikata bhala parti mis-suppliment, u ghalhekk min ried jasal ghal fehma personali fuq il-fatti seta’ jaghmel dan liberament. F’tali cirkostanzi l-Qorti lanqas mhi tal fehma li bil-pubblikazzjoni tal-artiklu sar xi tentattiv biex il-qarrej jigi ngannat fil-verzjoni tal-fatti kif giet rappurtata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi :-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, spejjez kontra taghhom.

2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti Andrew Formosa u ghalhekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, u ghar-raguni hawn fuq moghtija tillibera wkoll lil A & M Printing mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez kontra l-attur.

3. Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-imsejjah fil-kawza, spejjez kontra tieghu.

4. Tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-imsejjah fil-kawza u tichad it-talba tal-attur, spejjez kontra tieghu.”

L-appell ta’ l-attur minn din is-sentenza hu suddiviz f’dawn l-aggravji:-

(1) Ma kellux jigi akkollat l-ispejjez tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghaliex ma kellux tort li jharrek lil dan gjaladarba f’edizzjonijiet precedenti tar-rivista kien jikkonfigura bhala l-editur taghha;

(2) L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-parti malafamanti ta’ l-artikolu in kwestjoni;

L-ewwel motiv ta' aggravju huwa ghal kollox insostenibbli. Kien fl-obbligu ta' l-appellanti illi qabel ma jigi biex jinizzja l-proceduri jivverifika sew mar-Registratur ta' l-Istampa min kien il-veru editur tar-rivista u mhux jistenna li isem l-editur jigi divulgat fil-kors tal-proceduri, kif hekk fil-fatt gara f'dan il-kaz. Ara dokument a fol. 40 u x-xhieda tal-konvenut in kontro-ezami a fol. 75 tal-process. X'gara jew ma garax fil-kaz ta' edizzjonijiet antecedenti tar-rivista mhux ta' importanza ghaliex dak li kien jghoddu ghal finijiet processwali hu min kien l-editur effettiv fil-mument tal-Harga Numru 157 tas-suppliment Lulju – Awissu 2007. La dan ma kienx il-konvenut is-sokkombenza ta' l-appellanti fil-gudizzju fuq dan il-punt ma setghetx ma tattirax lejha il-kap ta' l-ispejjez relattiva ghall-eccezzjoni. Ara Artikolu 223, Kapitolu 12;

B'dahla ghat-tieni motiv ta' aggravju jibda biex jinghad illi jekk pubblikazzjoni hijiex diffamatorja jew le din hi kwestjoni ta' fatt li tiddependi minn certi fatturi rilevanti u varji, bhal ma huma dak tal-kontenut tal-pubblikazzjoni u l-istat ta' l-opinjoni pubblika. "*It is similarly a matter of fact whether any words convey the defamatory imputation alleged, and this may depend to a large extent on the circumstances and context of a particular publication.*" Ara **Gatley**, "**On Libel and Slander**", Ed. 1972, para. 49;

B'illustrazzjoni ta' dan li nghad ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Mejju, 2001 in re: "**L-Avukat Dr. Henry Antoncich *et* -vs- Jeffrey Bezzina *nomine***". Ghall-fattispeci, minnha jistghu jinsiltu dawn is-senjalazzjonijiet:-

(i) Il-fatti riportati fl-artikolu fejn dawn jikkoncernaw lill-atturi appellanti huma mhux biss korretti imma jirrizultaw minn dokumenti ufficcjali accessibbli ghall-pubbliku;

(ii) La dan huwa hekk ma kienx hemm il-htiega tal-verifika ta' dawn il-fatti u lanqas ma kien hemm il-htiega li tigi pprovata l-verita taghhom;

(iii) L-artikolista ma esprima u ma ttrasmetta lill-qarrejja ebda opinjoni proprja dwar il-fatti minnu riportati. Hu qal il-fatti kif kienu u bl-ebda mod ma pprova jinfluwenza l-fehma jew jitrassmetti xi opinjoni dwarhom lill-qarrejja;

Ukoll il-kazistika tal-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** hi approssimativament linejari ma' dan il-hsieb. Ara d-decizjonijiet ta' dik il-Qorti tat-**13 ta' Frar, 2002 (Numru 2066)** u **24 ta' Settembru, 1997 (Numru 9391)**;

Issa kif jirrizulta mill-atti tal-kawza taht ezami hu kjarament evidenti illi l-pubblikazzjoni *de qua* rrapportat il-fatti emersi mill-korrispondenza relattiva bejn l-Awtorita` tax-Xandir u l-attur, *qua* titolari tal-licenzja ta' Radju Katidral, in mertu ghall-programm imxandar fuq dan il-mezz fis-16 ta' Awissu, 2006;

Fir-rigward, u koncizament, l-ewwel Qorti ghamlet il-gudizzju taghha u ddeterminat illi l-fatti li fuqhom gie bazat l-artikolu kienu sostanzjalment korretti u ma kien hemm ebda tentattiv mill-istampat li jinganna lill-qarrejja dwar dawk il-fatti rapportati;

Din il-Qorti hi tal-fehma li dak il-gudizzju gie sew indirizzat u mhux il-kaz li tiddissenti minnu, anke ghaliex ma jirrizultax li jikkontjeni ebda vizzju fl-apprezzament tal-provi processwali li jirrizultaw mill-inkartament tal-kawza. Forsi, opportunement, jaqbel li b'zieda ma' dak l-istess gudizzju jsiru l-konsiderazzjonijiet segwenti:-

(1) Ibda biex, ma jistax ikun negat illi l-Awtorita` tax-Xandir kellha, skond l-att statutorju li kkrejaha, l-interess legittimu u d-dmir legali u pubbliku li tattira l-attenzjoni tat-titolari tal-licenzja, u tavvertih ukoll, illi ghandu jikkonforma ruhu mal-kondizzjonijiet tal-licenzja tieghu u mal-ligi;

(2) Hekk ukoll ma jistax ikun dubitat illi dik l-istess Awtorita` kellha l-fakolta li tohrog l-istqarrijiet li jkunu jidhru opportuni biex tinforma u tfakkar lill-istess titolari tal-licenzja illi x-xandir kellu jintuza ghall-benessere tas-socjeta` in generali u tal-komunita in partikulari, u mhux bhala mezz biex tinzera d-diskordanza. Ukoll, taht dan il-profil, li tordna u tesigi li ssir dikjarazzjoni rettifikatorja jew stqarrija fis-sens illi l-istazzjon kien jiddispjacih minn kull kumment denigratorju li jkun ixxandar fil-konfront ta' terzi;

(3) Apparti li fil-kaz in ispecje il-kumment ma sarx mill-attur personalment izda minn haddiehor, kieku stess l-ordni ta' l-Awtorita`, meta saret, ma kellha ebda riflessjoni fuq il-kondotta ta' l-attur personalment izda biss in kwantu hu kien it-titolari tal-licenzja ta' Radju Katidral u kien jispetta lilu adempiment mal-kondizzjonijiet taghha;

(4) Ma hemmx qbil mal-veduta ta' l-appellanti illi t-test ta' ordni bhal dik mill-Awtorita`, fic-cirkustanzi, ma kienx sew motivat. Lanqas ma hemm qbil illi t-ton ta' l-artikolu kien ipingih bhala kolpevoli ta' xi reat jew nuqqas. L-artikolista zamm ruhu fil-qafas ta' dik l-istqarrija u rriproduciha b'mod impersonali u oggettiv, bla zieda ta' kummenti li jmorru 'l hinn mir-rapprezentazzjoni u l-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni;

(5) Isegwi ghalhekk skond principji generali stabbiliti illi meta l-artikolist ikun qaghad fil-limiti tal-kronaka, sija pure b'mod sensazzjonali in vista li l-Arcipriet ta' San Gorg kien diga` accetta l-apologija, dak ir-rapportagg, bhala li nzamm fil-limiti gusti, ma jaqax taht is-sanzjonijiet tal-ligi dwar l-Istampa.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra professi mill-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------